# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 21 ta' Diċembru, 2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Marco Farrugia**
**(K.I. 0139174M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba f'isem ir-Repubblika ta' Malta fil-konfront tal-akkużat **Marco Farrugia** ta' 49 sena, iben Carmelo Farrugia u Elizabeth xebba Galea, imwieled ġewwa l-Pietà, Malta nhar is-26 ta' Frar 1974, u residenti ġewwa l-fond 20, Sqaq Santa Liena, Bormla u detentur tal-Karta' ta' Identità Maltija bin-numru 0139174M u akkużat talli f'xi ħin bejn it-tlieta (03:00) u s-sitta (06:00) ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Diċembru 2023 ġewwa Triq Fr. Charles Plater Paola u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa,

u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, kien qiegħed b'mod li ma setax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa u dan sar ghad-detriment tal- kumpanija GreenPak u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 318 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u dan sar għad-detriment tal-kumpanija GreenPak u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi dakinhar tad-19 ta' Diċembru 2023, ir-rappreżentant tas-soċjetà GreenPak Coop Society Ltd Jilly Cachia għamlet rapport illi persuna mhux magħrufa qabbad nar mal-bins tal-kumpanija GreenPak li jinsabu ġewwa Triq Fr. Charles Platter, Raħal Ġdid. Illi mill-filmat tas-CCTV irriżulta li l-malvivent hija persuna ta' sess maskili bil-qargħa liebes flok komma twila ta' lewn blu skur, qalziet twil iswed u żarbun iswed. Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irriżulta li din il-persuna setgħet kienet Marco Farrugia. Is-suspettat ġie arrestat u tteħdietlu stqarrija.

Illi skont email preżentata mill-istess Jilly Cachia Camilleri, b'kollox kien hemm 7 bins li ġarrbu ħsarat u kull bin jiswa €700 flimkien mal-VAT.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu llum stess fl-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti ser tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xilef difrejħ mal-liġi u li hu ammetta mal-ewwel l-involviment tiegħu f'dan il-każ. Di più, huwa jrid ukoll iħallas tad-danni minnu kkawżati u wera d-dispjaċir tiegħu għal dan l-għemil.

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax illi l-akkużat għandu jingħata piena karċerarja effettiva, iżda min-naħa l-oħra l-piena għandha tkun waħda li tirrifletti s-serjetà tal-akkużi dedotti kontra l-akkużat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 318 u 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Marco Farrugia <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal priġunerija għal żmien **<u>sentejn (2)</u>** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum, hu jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta’ priġunerija

Illi l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew il-konsegwenzi legali jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

In oltre, wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati jħallas lis-soċjetà GreenPak Coop Society Ltd is-somma ta’ erbat’ elef u disa’ mitt Ewro (€4,900) rappreżentanti danni kkaġonati minnu fuq il-bins tal-istess soċjetà, liema pagament jista’ jsir fuq medda ta’ tlett snin mid-data ta’ din is-sentenza.

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**